**Fil-Qorti tal-Magistrati (Malta)**

**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dottor Nadine Lia B.A; LL.M (Kent); LL.D**

**Kump 467/2014**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Frankie Sammut)**

**vs.**

**Mario Falzon**

Illum il-25 ta' Gunju 2020

Il Qorti:

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-imputat:

Mario Falzon, ta' 57 sena, bin George u Giovanna nee' Zerafa, imwieled fl-14 ta' Awwissu 1956, ghandu karta ta' l-identita' numru 565456(M) u joqghod 3, *Eden*, Triq Cospicua, Fgura.

Fuq talba tad-Direttur Generali tad-Dwana kif ukoll tad-Direttur Generali VAT nakkuzah:

a) talli fil-11 ta' Mejju 2014, ġewwa ***Palumbo Shipyard,*** instab li xjentement gie fil-pussess u taht il-kontroll tieghu, billi `barka jew ghin jew kellu b'xi mod iehor x'jaqsam f'illi jigu `barkati **50 kartuna b'200 sigarett kull kartuna bla dazju,** minn fuq il-bastiment ***Morina*** u dan, bil-hsieb li jigi ffrodat il-Gvern minn **Dazji** u **t-Taxxa** li jkun imiss jithallas fuqhom, jew biex tinheles xi projbizzjoni jew limitazzjoni tad-Dwana dwar dawn is-sigaretti.

b) talli ukoll fl-istess data, u cirkostsanzi, fixkel l-ufficjali tad-Dwana fl-esekuzzjoni ta' dmirijiethom jew fil-qbid ta' dawn is-sigaretti, meta dan ma waqafx u ma hallix lill l-istess Ufficjali isir dak l-ezami wara li ħareġ minn Palumbo Shipyard bil-vettura ***Toyota Land Cruiser bin-numru tar-Registrazzjoni CBS 614***

Dawn is-sigaretti, li l-importazzjoni u l-pussess taghhom huma pprojbiti u jew ristretti u/jew limitati, ghandhom **Valur totali ta' €290 , Dazju tas-Sisa dovut ta' €1,500 kif ukoll Dazju ta' Importazzjoni u Taxxa fuq il-Valur Mizjud *(V.A.T.),* li jammontaw ghal €167.04 u €352.27** rispettivament**,** fejn liema **Dazji** u **Taxxa** ma kienux gew imhallsa u/jew kawtelati. u dan bi ksur ta' artikolu 80 ta' l-Att dwar Taxxa fuq il-Valur Mizjud (Att Numru XXIII ta' l-1998).

c) U finalment qieghed tigi akkuzat talli irrenda ruhu recediv ai termini ta' l-artikoli 49, u 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta wara li gie misjub hati minn dawn il-Qrati ta' Malta b'sentenzi li saru definittivi u li ma jistghux jigu mibdula.

Dan bi ksur tal-Artikli 62 (a) (b) (c) (f) (g) (h) (i) (j) (k), paragrafu (a) tal-Proviso tal-Artiklu 62, 68 (1), 69 (1) (2) u 70 (2), tal-Ordinanza tad-Dwana Kap 37, kif ukoll tal-Artiklu 17 (2) tal-Att dwar Dazju tas-Sisa Kap 382, tal-Ligijiet ta' Malta.

Ghaldaqstant il- Qorti hija gentilment mitluba sabiex tikkonfiska l-vettura u l-bastiment maqbuda skon in-**Noti ta' Qbid Numru 23/2014 u 22/2014** rispettivamenti.

Rat li matul l-ezami tal-imputat ai termini ta' l-artikolu 392(1) tal-Kodici Kriminali, l-imputat tenna li ma kienx hati ta' l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu kif ukoll li l-ufficjal prosekutur ikkonferma li l-Avukat Generali ta l-kunsens tieghu bil-miktub sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.[1]

Rat id-dokumenti kollha pprezentati inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex il-kawza odjerna tigi trattata bi procedura sommarja, hadet konjizzjoni tax-xhieda u d-dokumenti prodotti u fliet l-atti kollha tal-kawza u semghet lill-partijiet jitrattaw.

Rat illi din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti kif inhi diversament ippreseduta nhar il-10 ta' Mejju 2019 b'digriet moghti mis-Sinjurija Tieghu il-Prim Imhallef Emeritus Dr. Joseph Azzopardi LL.D.[2]

Rat li fl-udjenza tal-11 ta' Novembru 2019 il-partijiet iverbalizzaw li ezentaw din il-Qorti kif preseduta milli terga tisma lix-xhieda prodotti.

---

[1] Folio 3 ta' l-atti processwali

[2] Folio 250-252 ta' l-atti processwali

Semghet it-trattazzjoni finali tal-partijiet.

**Ikkunsidrat**

Illi dan il-kaz jirrizulta lura ghal nhar il-11 ta' Mejju 2014 meta l-pulizija giet infurmata sabiex tattendi gewwa l-Palumbo Ship Yard. Meta l-pulizija marret fuq il-post sabet diversi ufficjali tad-dwana li fil-kustodja taghhom kellhom lil certu Mohamed Elbourawi.

Il-Pulizija giet infurmata mill-ufficjali tad-dawni li huma kienu qed jghassu l-entratura tal-Palumbo minhabba informazzjoni li wasslitilhom li kienu ser johorgu xi sigaretti tal-kontrabandu minn hemm gewwa. L-ufficjali tad-dwana kienu ghadhom kemm ippruvaw iwaqqfu lil Mohamed Elbourawi li minkejja diversi twissijiet biex jieqaf telaq issur b'velocita qawwija u kien gie innottat oggett suspettuz fuq wara tal-vettura mghottija b'lizar abjad.

Sussegwentement flimkien ma l-ufficjali tad-dwana, Mohamed Elbourawi u fil-prezenza tal-kaptan saret spezzjoni fuq id-dghajsa tas-sajd Morina fejn fil-parti ta' quddiem tad-dghajsa f'bokka instabu 453 grossos ta' sigaretti.

Mohamed Elbourawi qal lil pulizija li hu kien xtara l-imsemmija sigaretti minn Tripoli u kien ghabbihom gewwa d-dghajsa minghjar ma gharraf lil kaptan b'dan kollu. Stqarr ukoll mal-pulizija li hu kien bieh hamsin gorssa lill-imputat ghall-prezz ta' erba mitt Euro u meta ghabbewhom gol-vettura ta' l-imputat stess u kienu hergin minn gewwa l-kumpless tal-Palumbo sabiex l-imputat imur igib il-flus sabiex ihallas lilu kienu gew imwaqqfa minn l-imsemmija ufficjali tad-dwana.

**Ikkunsidrat**

Il-Qorti ser taghmel riferenza ghax-xhieda u ghad-dokumenti saljenti li gew mismugha u prezentati tul il-mori tal-proceduri odjerni.

**Gaetano Agius**, Spettur tad-Dwana, xehed fis-seduta tal-21 ta' Jannar 2019. B'referenza ghall-kaz li kien sehh f' Mejju tal-2014 ix-xhud spjega li dakinhar gew infurmati li qed isir xi kutrabandu ta' sigaretti ghall-habta ta' xi nofsilejl neqsin ghaxra marru jaghmlu sorveljanzi fl-akkwata tad-Dockyard f'Ghajn Dwieli. Hemmek lemhu vettura Toyota Land Cruiser blu diehla fid-Dockyard. Wara xi ghaxar minuti raw lill-imputat hiereg u cemplu biex jghidu lill-ohrajn minhabba li kienu nqasmu f'zewg gruppi. Gara li prova jahrab u certu Leli Attard, ufficjal iehor, induna li kien hemm passigier mieghu u gibdu 'l barra. Dak il-hin gew infurmati pulizija mir-RIU biex isibu l-karrozza u fl-istess hin gew xewg Pulizija mill-Ghassa ta' Bormla. Dak il-hin kellmu ukoll lill-ufficjal tas-sigurta' tad-Dockyard u gie nnutat li l-vettura Toyota ma giex registrata fil-logbook. Saret ukoll ftittxija fuq iMarina, il-vapur fejn kien ta' dan l-Gharbi, u instab kuntrabandu ta' sigarretti li kien jelwivali ghal erba mija u hamsa u hmasin grossa. Id-ditti taghhom kienu Tradition, American Legend, Business, Royal u Marlboro Gold. Huwa ccara li meta harget il-karrozza ma kienx fuq il-post.

**Patrick Attard**, Spettur tad-Dwana, ukoll xehed fl-istess seduta. Huwa kkonferma illi fil-hdax ta' Mejju 2014 kien involute fuq xoghol ta' surveillance qrib Palumbo, fejn kien gie nnutat li karozza kienet dahlet

ghand Palumbo imbaghad wara, ghall-habta tas-siegha ta' filgodu regghat harget. Il-Karozza kienet tat-tip Toyota Land Cruiser bin-numru ta' registrazzjoni CBS 614. Ix-xhud spjega li din il-karozza giet imwaqqfa fit-telgha minnu l-kollega Emanuel Mifsud, pero baqa jsuq bil-mod il-mod. Fil-vettura kien hemm l-imputat ma individwu ta' nazzjonalita barranija. Spjega ukoll kif irnexxielhom johorgu lill-barrani mill-karozza izda l-imputat baqa' jsuq. Gie nnutat ukoll li kien hemm xi haga fuq wara mghottija b'lizar pero' wiehed ma setax jivverifika x'kienet minhabba li baqa' jsuq. Dak il-hin giet mitluba l-assistenza tal-Pulizija. Eventwalment saret tfittxija fuq il-vapu u hemmhekk instabu 455 grossos tas-sigaretti. Imbaghad gew infurmati li l-imputat, li huwa seta' jaghraf fl-awla, kien mizmum gewwa l- Ghassa ta' Bormla. Saret ftittxija fuq il-vann imma ma nstab xejn u saret ukoll ftittxija fid-dar tal-imputat li wkoll irrizultat fin-negattiv. Skont ix-xhud, il-persuna ta' nazzjonalita' barranija kien qal li kien ghadda kaxxa wahda li jknu fiha hamsin kartuna bil-mitejn sigerrett  lill-imputat madankollu x-xhud ma setax jiftakar jekk dan kienx semma xi cifra li thallset.

**Emanuel Mifsud**, fizzjal fl-Enforcement Unit tad-Dwana xehed ukoll f'dik is-seduta. Huwa stqarr kif fil-11 ta' Mejju 2014 kien involute f'operazzjoni ta' sorveljar fl-akkwata tal-Palumbo fit-telgha ta' Ghajn Dwieli fejn ghal xis-siegha ntlemhet vettura bin-numru CBS614 diehla gol-Palumbo u xi ghaxar minuti wara regghet harget. Appena harget, din giet intercettata bil-vettura tad-Dwana sabiex tigi mwaqqfa. Madankollu, dan baqa jsuq bil-mod, u kwazi tajjar lil xi ufficjali tad-Dwana. Ix-xhud stqarr li huwa irnexxielu jiftahlu I-bieb tal-passigier u hataf lill-passigier u hargu izda l-vettura baqghet sejra. Huwa nnota

wkoll li fuq wara tal-karrozza kien hemm xi haga forma ta' kaxxa moghtija b'lizar. Dak il-hin gew infurmati l-Pulizija tar-RIU. Kien gie mitkellem ukoll l-ufficjal tas-security tal-Palumbo dwar kif il-vettura thalliet tidhol. Huwa kien qal li dik kienet taxi meta fil-fatt is-surgent iccekja li din ma kienetx taxi izda kienet karrozza privata. Filfatt ma kien tnizzel l-ebda log ta' din il-vettura diehla u hierga. Ix-xhud gharaf lill-imputat prezenti fl-awla bhala l-persuna li kien qed isuq il-vettura in kwistjoni. Il-barrani nzamm arrestat mill-ufficjali tad-Dwana sakemm waslu l-Pulizija. Dan kien qal li kien membru tal-ekwipagg tal-vapur MV Morina. Saret ukoll tfittxija fuq dan il-vapur fejn instabu erba mija u hamsa u hamsin grossa ta' mitejn sigarrett go fih.

**Jesmond Vella**, Spettur tad-Dwana, xehed ukoll fl-istess seduta. Huwa spjega li d-Dwana kellha informazzjoni li kien hemm vettura CBS 614 qed qed tohrog xi sigaretti mill-Palumbo Dockyard. Sar ezercizzju ta' sorveljanza u fil-11 ta' Mejju 2014 ghall-habta tal-hdax neqes ghaxra ta' bil-lejl din intlemhet ipparkjata wicca 'l isfel fit-tarf tat-telgha ta' Ghajn Dwieli. Xis-siegha dahlet persuna fil-karozza u din iddahlet mill-grada tal-Palumbo. Wara xi ghaxar minuti intlemhet hierga u hi u tielgha t-telgha ix-xhud flimkien ma ufficjali ohrajn tad-Dwana pruvaw jghalqulha t-triq. Ghalkemm daru maghha l-ufficjali tad-Dwana, is-sewwieq baqa' ghaddej bil-mod u kiser lejn fetha li fiha xi garaxxijiet. Il-kollega tax-xhud Emanuel Mifsud fetah il-bieba tal-passigier u beda jghidlu biex jieqaf, pero x-xufier baqa jsuq bil-mod 'l fuq fit-telgha. Hin minnhom, Emanuel Mifsud gibed lill-passiggier mill-karrozza u zammu fit-triq. Ix-xhud imbaghad mar hdejn il-vettura u beda jghid lix-xufier biex jieqaf imma dan beda jzid il-gass u x-xhud telqu minhabba li beza li

kien ser iwegga'. Ix-xhud innota ukoll li fuq wara tal-vettura kien hemm xi haga moghtija b'bicca drapp li qisha lizar. Gew infurmati l-Pulizija mir-RIU biex jintraccjawh kif ukoll il-Pulizija mill-Ghassa ta' Bormla. Il-passiggier kien ghadu mizmum u dan qal li kien crew fuq I-vapur MV Morina. Gie mitkellem ukoll il-gwardjan tas-sigurta' ta' Palumbo li qal illi huwa halla l-karozza tidhol ghax skont hu kienet taxi, madankollu s-Surgent mill-Ghassa ta' Bormla li kien PS 337 M. Mercieca nforma lis-security li dik ma kienetx Taxi u ccekkja ukoll il-journal tal-gate tal-Palumbo u sab li I-vettura ma gietx illogjata. Ix-xhud kellem ukoll lil ufficjali ohrajn tad-Dwana sabiex jivverifikaw jekk il-Kaptan tal-vapur kienx iddikjarax xi sigaretti fejn irrizulta li ma kienx sar hekk. In segwitu ta' dan saret tfittxija fuq il-vapur. Il-Kaptan qal li huwa ma keinx jaf bis-sigaretti . Mill-banda l-ohra, l-membru tal-ekwipagg li kien mizmum qal li dawn kienu tieghu u kien xtrahom minn Tripli u stqarr li kien ghadda kaxxa minnhom lir-ragel tal-karozza. L-ufficjali tad-Dwana kkonfiskaw is-sigarretti u l-vapur gie mizmum. Ix-xhud spjega ukoll kif wara din l-operazzjoni, l-ufficjali tad-Dwana marru gewwa l-Ghassa ta' Bormla fejn kien hemm il-karozza mizmuma wara li din giet maqbuda mir-RIU madwar nofs siegha wara li konna informajnihom. Il-Pulizija tal-Ghassa ta' Bormla infurmaw lix-xhud illi kienu ppruvaw jinterrogaw lix-xufier tal-karozza izda dan ma bediex iwiegeb ghall-mistoqsijiet. Saret ukoll tifttxija fuq il-vettura ukoll fejn ma nstab xejn u wara fid-dar tax-xufier fejn l-istess ma nstab xejn. Lanqas ma nstab il-lizar li kien qed jghatti xi haga fil-vettura.

**Joseph Borg**, uffiċjal tad-Dwana, ukoll xehed fl-istess seduta. Huwa kkonferma illi fis-seduta tas-26 ta' Mejju 2014 quddiem il-Maġistrat Dr

Ian Farrugia huwa kien eżebixxa *letter to prosecute*. Huwa kkonferma l-kontenut tiegħu u għaraf il-firma tad-direttur ġenerali tad-dwana fuqu.Huwa għaraf ukoll id-dokument eżebit a fol 36 tal-proċess li huwa nota ta' qbid maħruġa mid-dipartiment tad-dwana li qed tagħmel referenza għall-bastiment Murina. Ix-xhud għaraf ukoll id-dokument a fol 37 tal-proċess u spjega li dan hu nota ta' qbid maħruġa mid-dipartiment tad-dwana maħruġa f'isem Mario Falzon li tagħmel referenza għall-vettura Toyota Landcruiser bin-numru tar-reġistrazzjoni CBS614. Kontra din il-vettura saret garanzija bankarja ta' €2,500. B'referenza għad-dokument a fol 109 tal-proċess, ix-xhud spjega li dan huwa l- garanzija bankarja għall-ammont ta' €200,000 li ssostitwixxa l-bastiment Murina. Dawn il-garanziji saru sabiex ikunu jistgħu jiġi rilaxxjati l-bastiment imsemmi u t-Toyota Land Cruiser u qegħdin b'garanzija bankarja.

**Paul Scicluna**, ufficjal tad-Dipartiment tal-VAT, xehed fl-istess seduta. Huwa kkonferma li d-Dipartiment tal-VAT kien talab li jinhargu akkuzi flimkien mal-Kontrollur tad-Dwana fil-konfront ta' Mario Falzon, detentur tal-karta tal-identita' numru 565456M. L-ammont tal-VAT involute huwa dak ta' €352.27.

**Stephen Cachia**, ufficjal tal-Awtorita' ghat-Trasport f'Malta, xehed fl-istess seduta. Huwa kkonferma li l-vettura CBS604 hija tal-ghamla Toyota Land Cruiser. Dina I-vettura kienet registrata fuq Mario Falzon detentur tal-Karta tal-ldentita 565456M bejn it-tlieta u ghoxrin ta' Marzu tas-sena elfejn u ghaxra u s-sittax ta' Jannar tas-sena elfejn u sbatax meta I-vettura giet trasferita fuq Sharon Xuereb detentrici tal-Karta tal-Identita 199274M, suusegwentement il-vettura giet trasferita fuq

Lucienne Cardona detentrici tal-Karta tal-ldentita 622981M precizament fit-tmienja u ghoxrin ta' Frar tas-sena elfejn u sbatax u ghadha hekk registrata fuq isimha.

**PC 226 Karl Pace**, stazzjonat l-Ghassa ta' Bormla xehed ukoll fl-istess seduta fejn huwa kkonferma li qed jaghraf il-firma tieghu fuq l-istqarrija li saret fil-11 ta' Mejju 2014 fit-8am kif ukoll fuq stqarrija mehuda fl-istess jum fl-11:40am. L-istqarrijiet kienu tal-imputat Mario Falzon.

**L-Ispettur Frankie Sammut**, stazzjonat fis-sessjoni tal-Immigrazzjoni xehed ukoll fl-istess seduta. Huwa stqarr li hhar il-11 ta' Mejju 2014 ġie mgħarraf mis-surġent PS337Mark Mercieca fejn kienu taw assitenza lil xi membri tad-dwana qrib il-Palumbo. Mill-informazzjoni li ingħatat kien hemm suspett li kienu ħarġu b'xi kwantità ta' sigaretti minn ġewwa l-Palumbo, twaqfu u l-persuna li kienet qed issuq il-karozza ħarbet minn fuq il-post. Ix-xhud spjega li huwa mar fuq il-post u kien immedjatament ordna l-arrest tas-sur Mario Falzon kif ukoll ta' ċertu Mohammed El Barawi ta' nazzjonalità Libjana. Ix-xhud ikkonferma ukoll li kienet saret tfittxija fuq il-bastiment flimkien mal-membru tal-ekwipaġġ is-sur Mohammed El Barawi u membri tad-Dwana. Kienu stabu madwar 400 grossa sigaretti li kellhom divers marki imma kien jidher li ma kienx hemm dwana mhallsa fuqhom. Ix-xhud stqarr li imbagħad għall-ħabta tat-8:00am huwa beda jinvestiga lis-sur Mohammed El Barawi ġewwa l-uffiċċju tiegħu. Dan kont ingħata dritt għall-avukat iżda ddeċieda li ma jeżerċitax dan id-dritt u kien ġie mitkellem bl-assistenza tal-interpretu ċertu Nadia Lanzon. El Barawi kien kooperattiv u ammetta kollox fil-forma ta' stqarrija li ġiet

ippreżentata mix-xhud. Fost l-affarijiet li qal, huwa kien stqarr li kien ftiehem mal-imputat Mario Falzon dwar is-sigarretti.

**L-Ispettur Darren Buhagiar**, stazzjonat fis-sezzjoni tal-Immigrazzjoni, xehed ukoll fl-istess seduta. Huwa spjega li fit-2 ta' Ġunju 2014 is-sur Mohammed El Barawi kien mar għandu wara li kien ingħata sentenza mill-Qorti sabiex tiġi evalwata l-pożizzjoni tal-migrazzjoni tiegħu. Minħabba dik is-sentenza kienet inħarġitlu ordni ta' tneħħija li permezz tagħha kien ġie obbligat li jerġa' jirritorna lura lejn il-Libja li huwa l-pajjiż tal-oriġini tiegħu. Huwa kien aċċetta u ntbagħat lura fit-2 ta' Ġunju 2014 stess. Bħala konsegwenza tal-ordni ta' tneħħija, huwa ma setax jidħol lura fit-territorju tas-Schengen ghal perjodu ta' snin.

**Ikkunsidrat**

**Stqarrija ta' l-imputat**

Illi l-istqarrija ta' l-imputat Mario Falzon ittiehdet nhar il-11 ta' Mejju 2014 gewwa l-ufficju ta' l-Ispettur Frankie Sammut wara li kien inghata is-soliti twissija ta' xiex gie investigat u wara li nghata d-drittijiet kollha tieghu dwar il-jedd li jikonsulta ma avukat tal-fiducja tieghu qabel issirlu xi interrogazzjoni[3].

L-istqarrija ta' l-imputat ittiehdet fl-istess gurnata, u cioe fil-11 ta' Mejju 2014 fil-prezenza ta' l-Ispettur Frankie Sammut, PC235 Raymond Bristow u PC226 Karl Pace. L-imputat ghazel li ma jiffirmax kull pagna ta' l-istqarrija.[4]

[3] Folio 14 ta' l-atti processwali
[4] Folio 14-17 ta' l-atti processwali

Illi fl-istqarrija, l-imputat jaghzel li ma jwegibx ghad-domandi li sarulu pertinenti ghal-kaz.

Madankollu u f'bażi preliminari tajjeb li din il-Qorti tistabilixxi jekk 1-istqarrija li ġiet rilaxxata mill-imputat hijiex amissibbli u tista ssir infirenza f'dawn il-proċeduri u dan fid-dawl ta' ġurisprudenza reċenti mil-Qrati tagħna li bbażaw ruħhom fuq insenjamenti mill-kazistika tal-Qorti Ewropea għall-Ħarsien tad-Drittijiet tal-Bniedem. Meta ġie irilaxxata 1-istqarrija tal-imputat, il-liġi Maltija ma kinitx tipprovdi għad-dritt ta' assistenza legali matul 1-interrogazzjoni fejn irid allura jiġi stabbilit jekk 1- istqarrijiet in kwistjoni kienux konformi mal-interpretazzjoni mogħtija mill-Qorti Ewropea u dik Maltija tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea għal Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u 1-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta.

Meta 1-imputat rrilaxxa 1-istqarrija tiegħu, huwa kien ingħata id-dritt li jikkonsulta mal-avukat tal-għażla tiegħu, liema dritt infatti uza[5]. Madankollu ma kien ingħata 1-ebda dritt tal-preżenza tal-avukat tiegħu matul 1-interrogazzjoni, għas-sempliċi raġuni li din il-proċedura daħlet fis-seħħ fil-liġi tagħna permezz tal-Artikolu 355AUA(8) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta u dan biss permezz tal-Att AL tas-sena 2016.[6] Kwindi din il-liġi daħlet fis-seħħ kważi sentejn wara li 1-imputat ġie interrogat.

Jidher li minn dħul fis-seħħ ta' din il-liġi tqajjmu diversi lanjanzi kostituzzjonali fejn ġiet attakkata 1-validita' tal-istqarrija ta' dak li jkun f'diversi każijiet pendenti ta' natura kriminali, meta alavolja sanċit bid-

[5] Folio 14 ta' l-atti processwali, saret konsultazzjoni ma' l-avukat Dr. Carmelo Mifsud Bonnici LL.D
[6] Fit-28 ta' Novembru 2016

drittijiet tal-konsulta legali qabel l-interrogazzjoni u tat-twissija skont il-liġi, l-interrogat ma jkunx ingħata d-dritt li jkollu avukat preżenti matul l-interrogazzjoni. Fost dawn is-sentenzi hemm il-kawża kostituzzjonali fl-ismijiet ta' **Christopher Bartolo vs Avukat Generali et**[7] li tirrigwarda l- ksur tad-dritt tas-smiegħ xieraq. Din ġiet ribadita mill-Qorti Kostituzzjonali li kkonfermat ukoll ir-rimedju konsistenti fl-isfilz tal-istqarrijiet li kienu ġew irilaxxati minn Christopher Bartolo matul il-proċeduri fil-konfront tiegħu. Fl-ewwel sentenza ta' din il-kawża, l-Prim Awla tal-Qorti Ċivili kienet esprimiet is-segwenti:

*Il-Qorti rat ukoll illi anke l-Qrati ordinarji Maltin diġa bdew jesprimu d-dubbji tagħhom rigward jekk, il-liġi, kif kienet dak iż-żmien, kienetx tiggarantixxi adegwatament d-dritt ta' smiegħ xieraq konsiderat illi ma kienetx tippermetti illi suspettat jkollu assistenza legali waqt l-interrogatorju, u dan kif jidher fissentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali deċiża fis-6 ta' Ottubru 2016 fl-ismijiet Il-Pulizija (Spetur Jesmond J. Borg) vs Jason Cortis fejn intqal illi:*

*"...jista' jkun hemm lok għal-dibattitu dwar kemm il-provvedimenti tal-Kap 9 jirrispekkjaw d-dritt għall-assistenza legali mogħti lill-arrestat tenut kont ukoll illi dan id-dritt, kif eżistenti taġt il-liġi tagħna, huwa ristrett għal siegħa qabel l- interoggatorju u b'hekk jeskludi l-jedd tal-preżenza tal-avukat waqt l-istess interrogatorju. F'dak l-istadju l-arrestat huwa soġġett għal mistoqsijiet diretti u suġġestivi bir-risposti tagħhom, anke jekk jagħżel li ma jweġibx, bit-traskrizzjoni tiegħu tkun eventwalment esebita fil-proċeduri kontrih fejn ikun meqjus innoċenti sakemm pruvat mod ieħor."*

*Huwa ċar għalhekk illi skont il-ġurisprudenza kostanti tal-Qorti ta' Strasbourg, hekk kif żviluppat u evolviet sussegwentement għas-sentenza ta' Salduz,*

---

[7] Rikors kostituzzjonali 92/16.

*ilgaranzija u protezzjoni ta' smiegħ xieraq tirikjedi illi 1-arrestat jingħata 1-possibilita li jkollu miegħu avukat tal-fiduċja tiegħu waqt, u mhux biss qabel, l-interogazzjoni. Għalhekk jidher illi 1-argument tal-intimati illi dan 1-ilment tarrikorrent huwa nfondat ghaliex kienet inghata 1-possibilita li jkellem avukat qabel 1-ewwel interrogatorju huwa nsostenibbli ghaliex mill-gurisprudenza appena citata, jidher car illi 1-arrestat ghandu jinghata 1-possibilita li jkollu avukat prezenti waqt 1-interogazzjoni. M'huwiex kontestat, illi fiż-żmien in kwistjoni kien hemm restrizzjoni sistematika li kienet timpedixxi lill-arrestat milli jkollu avukat tal-fiduċja tiegħu preżenti waqt 1-interrogazzjoni. M'huwiex ikkontestat ukoll illi r-rikorrent ma tħalliex ikollu avukat preżenti waqt 1-ewwel interogazzjoni, u illi ma ingħatax aċċess għall-avukat tiegħu qabel jew waqt it-tieni interogazzjoni. Dan il-fatt waħdu, skont il-ġurisprudenza tal-Qorti ta' Strasbourg, huwa biżżejjed biex tinstab leżjoni tad-dritt ta' smiegħ xieraq.*

In oltre jidher li dan 1-insenjament qed jiġi adoperat u applikat fil-Qrati tagħna fil-preżent kull meta jiġu rinfaċċati bl-istess sottomissjonijiet fejn fost dawn is-sentenzi nsibu 1-kawża fl-ismijiet **Pulizija vs Claire Farrugia**[8] deċiża mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) nhar 1-20 ta' Novembru 2018 li għamlet referenza ampja għal diversi kawżi minn żmien **Salduz vs Tukrija** fejn ġie ribadit kostantement illi 1-prinċipju tas-smiegħ xieraq huwa mibni fost oħrajn fuq id-dritt tal-assitenza legali kemm qabel kif ukoll waqt 1-interrogazzjoni u dan apparti rrappreżentanza legali matul il-proċeduri fil-Qorti.

Illi wkoll mill-analiżi tas-sentenzi kkwotati kif ukoll ta' dawk is-sentenzi li ssir referenza għalihom fil-korp tagħhom jidher li minkejja din

[8] Appell numru 259/2018 ippresedut mill-Imhallef Consuelo Scerri Herrera.

ilposizzjoni, il-ġudikant imbagħad ikun irid jara jekk xorta waħda hemmx provi biżejjed kontra 1-persuna kkonċernata li fuqhom tkun tista' tinstab ħtija irrispettivament mill-ammissjoni li setgħet tkun saret flistqarrija. Dan kien fil-fatt il-każ fis-sentenza kontra Claire Farrugia fejn kienu nstabu wkoll provi materjali apparti 1-ammissjoni tal-imputata permezz tal-istqarrija ġuramentata u li xorta waħda ġiet meqjusa bħala prova inamissibbli. Ġie meqjus ukoll illi 1-Qrati għandhom jieħdu din il-posizzjoni anki meta ma jkunux ġew eżawriti r-rimedji ordnarji f'każijiet li kienu għadhom pendenti bħala salvagwardja għar-retta amminisstrazzjoni tal-ġustizzja.[9] In oltre dan il-prinċipju ġie ravviżat anki f'ċirkostanzi meta 1- persuna arrestata tirrifjuta 1-jedd tal-parir legali qabel 1-interrogazzjoni għax dan ma jeskludix awtomatikament li hu kien ser jirrifjuta wkoll 1- avukat matul 1-interrogazzjoni u b'hekk waħda ma tistax titqies li teskludi lill-oħra.

[9] Ara s-sentenza fl-ismijiet Malcolm Said vs Avukat Generali datata 1-24 ta' Ġunju 2016 kif ikkonfermata fil-Qorti Kostituzzjonali:
Madankollu, għalkemm il-Qorti Ewropea hija marbuta bir-regola tal-esawriment tar-rimedji domestiċi, li kienet irraġuni għala sabet li 1-ilment ta' Dimech kien intempestiv, din il-qorti ghandha s-setgha li taghti rimedju fejn issib li disposizzjoni li fhares dritt fondamentali mhux biss "qiegħda tiġi" iżda wkoll meta "tkun x' aktarx sejra tiġi miksura". Jekk, meta jsir użu minn stqarrija li tkun ittieħdet mingħajr ma min jagħmilha jkollu 1-għajnuna ta' avukat, dan ikun bi ksur tal-jedd għal smigħ xieraq, mela x' “aktarx" illi d-dritt għal smigħ xieraq jinkiser jekk jitħalla li jsir użu millistqarrija, u 1-intervent ta' din il-qorti jkun meħtieġ minn issa sabiex ma tħallix li dan isir.... Għalkemm din il-qorti tenunen u ttenni illi 1-interpretazzjoni minnha mogħtija fil-każ ta' Charles Stephen Muscat u sentenzi oħra mogħtija wara hija interpretazzjoni korretta u proporzjonata billi tilqa' għal abbużi min-naħa talprosekuzzjoni u tħares id-drittijiet ta' persuna akkużata b' reat kriminali, jidher li din 1-interpretazzjoni - ghallinqas fejn il-process kriminali jkun intemm - ilium ma ghadhiex aktar tenibbli fid-dawl tas-sentenza fuq imsemmija ta' Borg v. Malta moghtija dan 1-ahhar mill-Qorti Ewropea. Din il-qorti ghalhekk ilum hi tal-fehma li ma jkunx għaqli li tinsisti fuq 1-interpretazzjoni li kienet tat fil-każ ta' Muscat, għalkemm ittenni li għadha temmen illi hija interpretazzjoni korretta, proporzjonata u ta' buon sens. Is-sentenza ta' Borg iżda għandha tinqara wkoll fid-dawl tas-sentenza 1-oħra, ukoll fuq imsemmija, tal-istess Qorti Ewropea fil-każ ta' Dimech fejn il-Qorti tenniet illi trid tqis il-proċess fl-intier tiegħu biex tara kienx hemm smigħ xieraq, u għalhekk, fejn il-proċess kriminali, bħal fil-każ tal-lum, għadu għaddej, trid tistenna li jintemm il-proċess biex tqisu flintier tiegħu biex tara kienx hemm smigħ xieraq. Madankollu, fil-każ tal-lum il-qorti hija tal-fehma li ma jkunx għaqli li 1-proċess kriminali jitħalla jitkompla bilproduzzjoni tal-istqarrija tal-attur għax tqis illi, fiċ-ċirkostanzi, in-nuqqas ta' għajnuna ta' avukat ma kienx nuqqas li ma jista' jkollu ebda konsegwenza ta' preġudizzju għall-attur billi fl-istqarrija tiegħu 1-attur ammetta 1-ħtija. Fiċċirkostanzi huwa xieraq illi, kif qalet 1-ewwel qorti, ma jsir ebda użu mill-istqarrija fil-proċess kriminali.

Illi din il-posizzjoni tal-Qrati lokali giet ikkonfermata fil-kaz **Il-Pulizija vs Aldo Pistella**[10] fejn il-Qorti rriteniet:

*"il-qorti xorta hija tal-fehma li ma jkunx għaqli li l-proċess kriminali jitħalla jitkompla bil-produzzjoni tal-istqarrija tal-akkużat Pistella ladarba din, għallinqas f'parti minnha, ittieħdet mingħajr ma Pistella kellu l-għajnuna ta' avukat. Għalhekk, għalkemm għadu ma seħħ ebda ksur tal-jedd għal smigħ xieraq, fiċ-ċirkostanzi huwa għaqli illi, kif qalet l-ewwel qorti, ma jsir ebda użu mill-istqarrija filproċess kriminali sabiex, meta l-proċess kriminali jintemm, ma jkunx tniġġes b'irregolarità – dik li jkun sar użu minn stqarrija li ttieħdet mingħajr ma l-interrogat kellu l-għajnuna ta' avukat – li tista' twassal għal konsegwenzi bħal tħassir tal-proċess kollu."*

Illi din il-posizzjoni tal-Qrati lokali giet ikkonfermata recentement fil-kaz **Graziella Attard vs Avukat Generali**[11] fejn il-Qorti rretniet:

*"Madankollu, billi ċ-ċirkostanzi fejn il-persuna interrogata tista' ma titħalliex tkellem avukat huma l-eċċezzjoni aktar milli r-regola, u din ilqorti għandha s-setgħa li tagħti rimedju fejn issib li disposizzjoni li tħares dritt fondamentali mhux biss "qiegħda tiġi" iżda wkoll meta "tkun x'aktarx sejra tiġi miksura", din il-qorti hija tal-fehma, kif osservat fis-sentenza mogħtija fl-24 ta' Ġunju 2016 fl-ismijiet Malcolm Said v. Avukat Ġenerali6 , illi ma jkunx għaqli – partikolarment fid-dawl ta' inkonsistenzi fis-sentenzi tal-Qorti Ewropea li joħloq element ta' imprevedibilità, kif jixhdu l-posizzjonijiet konfliġġenti li ħadet fil-każ ta' Borg u f'dak ta' Beuze – illi l-proċess kriminali jitħalla jitkompla bilproduzzjoni tal-istqarrija mogħtija mill-attriċi lill-pulizija għaliex*

[10] Qorti Kostituzzjonali; Deciza 14 ta' Dicembru 2018

[11] Deciza 27 ta' Settembru 2019; Qorti Kostituzzjonali

*tqis illi, fiċ-ċirkostanzi, in-nuqqas ta' għajnuna ta' avukat ma kienx nuqqas li ma jista' jkollu ebda konsegwenza ta' preġudizzju għall-attriċi, aktar u aktar meta fl-istqarrija ammettiet sehma fir-reat.*

*Għaldaqstant tipprovdi dwar dan l-aggravju tal-avukat Ġenerali billi tgħid illi, għalkemm ma seħħ ebda ksur tal-jedd tal-attriċi għal smigħ xieraq meta tteħditilha stqarrija, madankollu dik l-istqarrija ma għandhiex tibqa' fl-inkartament tal-kawża kontriha."*[12]

*"din il-qorti ttenni li ma jkunx ghaqli li jsir uzu mill-istqarrija waqt il-process kriminali.."*[13]

F'dan il-kaz l-akkuzata ma nghatax l-opportunita' li titkellem ma avukat qabdel bdiet l-interrogazzjoni mill-pulizija.

Il-Qorti taghmel referenza ghal sentenza fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs Martino Aiello**[14] fejn l-ewwel Qorti irriteniet:

*"din il-gurisprudenza m'għadhiex applikabbli inkondizzjonatament safejn l-akkużat qiegħed jippretendi li l-istqarrija tiegħu mhijiex ammissibbli bħala prova abbażi tal-fatt waħdu li dak iż-żmien ma setax ikun assistit minn avukat waqt l-interrogazzjoni u waqt li kien qiegħed jirrilaxxja l-istqarrija. Anzi, għandhom jittieħdu in konsiderazzjoni diversi fatturi li flimkien jagħmlu ċ-ċirkostanzi tal-każ.*

*Martino Aiello fl-ebda stadju ma kkontesta l-awtentiċità talprova li ġabet il-Prosekuzzjoni kontrih, liema prova mhijiex limitata għall-istqarrija in*

[12] Folio 11 u 12 tas-sentenza
[13] Folio 14 tas-sentenza
[14] Qorti Civili, Prim' Awla, Onor. Imhallef Anna Felice, Deciza 17 ta' Ottubru 2019, Ref Kost: 38/2018AF

*kwistjoni. Lanqas ma oppona għallpreżentata ta' dik l-evidenza. L-assjem tal-provi ser ikun evalwat minn Imħallef u għalhekk, minn persuna b'għarfien għoli tal-proċedura legali u l-liġi Maltija.*[15]

Illi din is-sentenza gie recentemet ikkonfermata mill-Qorti Kostituzzjonali.[16]

Kwindi konsegwentement a bazi tal-insenjamenti ravviżati u li jidhru li qabdu linja paċifika fil-Qrati Maltin u wara li rat ic-cirkostanti ta' l-imputat, stante li ma jirriżultax li kien hemm raġunijiet validi jew impellenti li setgħu jiġġustifikaw in-nuqqas tal-għoti lill-imputat tal-assistenza legali matul 1-interrogazzjoni għajr għall-fatt li dan il-prinċipju ma kienx għadu ravviżat fil-liġi Maltija fiż-żmien meta ġie interrogat, din il-Qorti tqis li għal din ir-raġuni oġġettiva, u sabiex żgur jiġi evitat li 1-jeddijiet fundamentali tal-imputat jiġi b'xi mod ritenuti leżi minn din il-Qorti minħabba fl-użu tal-istqarrija tiegħu fil-ġudizzju tagħha, din il-Qorti qiegħda tiddeċiedi li tiskarta din 1-istess stqarrijia u ma tqisiex bħala prova f dawn il-proċeduri.

**Ikkunsidrat**

Illi qabel xejn il-Qorti rat illi din il-kawza kienet giet assenjata lil din il-Qorti kif kienet diversament ippreseduta nhar il-14 ta' Lulju 2014 ghand il-Magistrat (illum Imhallef) Dr. Aaron Bugeja b'digriet moghti mis-Sinjurija Tieghu il-Prim Imhallef Emeritus Dr. Silvio Camilleri LL.D.[17]

[15] Folio 25 tas-sentenza

[16] Deciza 27 ta' Marzu 2020, Imhallfin S.T.O Prim Imhallef Joseph Azzopardi, Onor Imhallef Giannino Caruana Demajo, Onor. Imhallef Anthony Ellul, Rikors Numru 38/18

[17] Folio 113 ta' l-atti processwali

Il-Qorti rat ukoll li fis-seduta ta' nhar is-16 ta' Frar 2015 gie intavolata kawza kostituzzjonali mill-imputat, liema sentenza giet deciza nhar il-31 ta' Mejju 2018.

Illi permezz ta' nota ntavolata mill-imputat datata 14 ta' Dicembru 2018 u b'referenza ghall-verbal tal-5 ta' Dicembru 2018 hemm imnizzel *"li x-xhieda jergghu jinstemghu mill-gdid viva voce"*.

Illi d-digriet tal-Qorti ta' l-istess gurnata ordna notifika immedjata lill-Ispettur Frankie Sammut ghall-azzjoni kollha mehtiega b'effett immedjat.

Ghalkemm in-nota, kif ukoll id-digriet tal-Qorti mhumiex cari fit-talba u fl-ordni tal-Qorti sussegwentement u fis-seduta li kien imiss regghu bdew jinstemew ix-xhieda mill-gdid. Fil-fatt regghu nstemghu x-xhieda kollha ghajr ghax-xhud Karen Cremona li kienet xehdet fis-seduta tat-23 ta' Mejju 2014 u esebit Dok KC[18] u x-xhud Mohamed Elbourawi u PS 337 Mark Anthony Mercieca li kienu xehdu nhar it-28 ta' Mejju 2014[19].

Illi fil-21 ta' Jannar 2019 xhed Stephen Cachia bhala s-sostitut tax-xhud Karen Cremona u kkonferma d-dokument Dok KC li originarjament kienet esebit minn din ix-xhud.

L-unici xhieda li ma regghux xehdu kienu x-xhud Mohamed Elbourawi u PS 337 Mark Anthony Mercieca.

Illi fis-seduta ta' nhar il-11 ta' Novembru 2019 l-ufficjal prosekutur l-Ispettur Frankie Sammut iddikjara li minkejja diversi tentattivi sabiex jaghmlu kuntatt mal-awtoritajiet Libjani sabiex jigi ntraccat ix-xhud

[18] Dok KC, Folios 44-50 ta' l-atti processwali
[19] Folio 76-87 ta' l-atti processwali

Mohammed Elbourawi sabiex issiru l-arrangamenti necessarji sabiex ikun jista jixhed personalment f'dawn l-atti, dan il-kuntatt kien impossibli li jsir minhabba s-sitwazzjoni prezenti gewwa l-Libja u ghaldaqstant ghalqet il-provi definittivament.

Illi sussegwentement fuq talba ta' l-imputat sabiex il-Qorti tisfilza mill-atti x-xhieda ta' Mohammed Elbourawi[20] il-Qorti ordnat li x-xhieda ta' Mohammed Elbourawi m'ghandiex titqies bhala formanti parti minn dawn l-atti ghal-finijiet ta' amissibilita u mhix ser tittiehed in konsiderazzjoni minn din il-Qorti bhala prova ghal finijiet ta' pronunzjament tas-sentenza.

Ghaldaqstant din il-Qorti ezaminat ix-xhieda kollha prodotti fis-seduta tal-21 ta'Jannar 2019 il-quddiem li sussegwentement uhud minnhom ikkonfermaw dokumenti esebiti qabel.

**Ikkunsidrat**

Qabel xejn, din il-Qorti tinnota, li ghalkemm fic-citazzjoni tal-imputat hemm referenza ghal diversi disposizzjonijiet taht il-Kap. 37 tal-Ligijiet ta' Malta, kif ukoll disposizzjonijiet taht il-Kap. 382 tal-Ligijiet ta' Malta, madankollu l-imputat ma giex mixli b'dawn ir-reati izda merament bir-reati kontemplati taht l-artikoli 62 (b) u (j) u bl-addebitu tar-recevida. Ghaldaqstant, din il-Qorti sejra tqis il-provi fid-dawl ta' dawn l-imputazzjonijiet biss.

[20] Folio 255 ta' l-atti processwali

**Ikkunsidrat**

**L-ewwel imputazzjoni**

Mill-assjem tal-provi u mix-xhieda prodotti, din il-Qorti ma tqisx li ngiebu provi sal-grad rikjest mill-ligi li jindikaw il-mens rea u l-actus reus ta' l-imputat.

Il-Qorti tinnota li l-prosekuzzjoni spjegat lill-Qorti li kienet ghamlet diversi tentattiv u l-ghalmu taghha sabiex jerga' jitressaq ix-xhud Mohamed Elbourawi izda minhabba c-cirkostanzi politici gewwa l-Libja, ossija fejn kien jirrisjedi l-istess xhud, dan ma setax jigi rrintraccat. Dan in-nuqqas mhuwiex attribwibbli ghall-pulizija stante li din il-Qorti m'ghandhiex dubju li ghamlu li setghu sabiex jigi rrintraccat.

Ghaldaqstant, stante li dan ir-reat ma giex ippruvat sal-grad rikjest mill-ligi l-Qorti sejra tghaddi sabiex ma ssibx htija fuq l-ewwel imputazzjoni.

**Ikkunsidrat**

**It-tieni imputazzjoni**

It-tieni imputazzjoni jinkwadra ruhu fid-dispost tal-artikolu 62(j) tal-Kapitolu 37 tal-Ordinanza tad-Dwana li jghid hekk:

*Kull min, b'kontravvenzjoni ta' din l-Ordinanza –*

*iixkel l-uffiċjal tad-dwana jew lil xi ħadd ieħor inkarigat skont il-liġi biex ma jħallix li jsir kontrabandu, fl-esekuzzjoni tad-dmirijiet tiegħu jew fil-qbid ta' oġġetti li jistgħu jiġu kkonfiskati taħt din l-Ordinanza, jew ma jwettaqx dak li jkun mitlub jagħmel minn uffiċjal tad-Dwana fil-qadi ta' dmiru;*

*jeħel, meta jinstab ħati, għal kull wieħed minn dawn ir-reati multa ekwivalenti għal tliet darbiet l-ammont ta' dazju li għandu jitħallas fuq l-oġġetti jew ħames darbiet l-ammont ta' dazju perikolat, liema minnhom hu l-inqas, iżda f'kull każ mhux inqas minn sitt mitt euro (€600), hekk li terz minn dak l-ammont għandu jitqies bħala dejn ċivili addebitat u li jitħallas lid-Dipartiment tad-Dwana, jew għal dik il-multa flimkien ma' priġunerija għal żmien ta' mhux iżjed minn tliet snin, u l-ħati jista' jiġi arrestat jew miġjub quddiem il-qorti b'ċitazzjoni bil-mod u fil-forma kif jingħad fil-Kodiċi Kriminali, u skont id-dispożizzjonijiet l-oħra kollha ta' dak il-Kodiċi:*

*Iżda:*

*(a) fil-każ ta' reati dwar tabakk imsemmi fl-Ewwel Skeda, il-ħati jeħel, għal kull wieħed minn dawn ir-reati multa ekwivalenti għal tliet darbiet l-ammont ta' dazju li għandu jitħallas fuq l-oġġetti jew ħames darbiet l-ammont ta' dazju perikolat, liema minnhom hu l-inqas, iżda f'kull każ mhux inqas minn erbat elef euro (€4,000), hekk li terz minn dak l- ammont għandu jitqies bħala dejn ċivili addebitat u li jitħallas lid-Dipartiment tad-Dwana, flimkien ma' priġunerija għal-żmien ta' mhux iżjed minn tliet snin, u l-ħati jista' jiġi are stat jew miġjub quddiem il-qorti b'ċitazzjoni bil-mod u fil-forma kif jingħad fil-Kodiċi Kriminali, u skont id-dispożizzjonijiet l-oħra kollha ta' dak il-Kodiċi.*

Illi mix-xhieda ta' Stephen Cachia gie ikkonfermat li l-vettura tal-ghamla Toyota Land Cruiser bin-numru tar-registrazzjoni CBS 614 kienet registrata fuq l-imputat Mario Falzon fiz-zmien mertu ta' l-allegat reat.

Illi fix-xhieda ta' Patrick Attard jistqarr:

*"Waqafniha fit-telgha jiena u l-kollega tieghi Emanuel Mifsud, pero baqa jsuq bil-mod il-mod. Fil-vettura kien hemm is-Sur Falzon ma individwu ta' nazzjonalita barranija. L-individwu li kien passigier irnexxielna nohorguh mill-karozza pero s-Sur Falzon baqa jsuq. Innutajna ukoll illi kellu xi haga moghtija fuq wara pero ma lhaqniex rajna x'inhi peress illi s-Sur Falzon baqa jsuq b'velocita qawwija."*[21]

Illi mix-xhieda ta' Emanuel Mifsud irrizulta illi:

*"Appena harget jien intercettajt l-karozza taghna bil-karozza taghna tad-Dipartiment biex nipprova nwaqqafha, ghidniela li ahna membri tad-Dwana, dan baqa jsuq bil-mod, ipprova jghaddi minn fuq saqajha dahal go dahla u baqa hiereg. Ma rnexxielniex inwaqqfuh. Pero waqt li kien ghaddej minnhemm jien ftahtlu l-bieb tal-passigier, htaft il-passigier u hrigtu, ghallinqas kien ikollna bniedem li kien hemm gewwa."*[22]

Sussegwentement l-istess xhud jikkonferma li l-karozza kienet qed tinstaq mill-imputat. Fil-fatt, ix-xhud identifika lill-imputat bhala s-sewwieq tal-vettura seduta stante:

*"Hu l-persuna li kien qed isuq il-karozza imsemmija li baqa ghaddej b'dik il-kaxxa."*[23]

L-istess xhud spejga li ra l-vettura misjuqa mill-imputat diehla u hierga mill-area amministrata milll-Palumbo. Huwa jispjega li l-imputat qatt ma kellu dritt jidhol f'din l-area peress li vetturi privati mhumiex permessi jidhlu. Huwa jispjega wkoll li l-vettura harbet minn fuq il-post wara li intercettawha l-ufficjali tad-Dwana.

[21] Page 227 ta' l-atti processwali
[22] Folio 230 ta' l-atti processwali
[23] Folio 231 ta' l-atti processwali

Illi x-xhieda ta' Jesmond Vella tikkorobora x-xhieda precedenti.

*"Ghaxar minuti wara rajniha hierga u hi u tielgha t-telgha blokkjajna t-triq bil-karozza tad-Dwana, inzilna u morna biex inwaqqfuha. D-driver ma riedx jieqaf, baqa jsuq bil-mod u kiser lejn opening ta' garage fl-istess triq fejn kien hemm spazju minn fejn thgaddi l-karozza. Il-kollega tieghi Emanuel Mifsud fetah il-bieba tal-passigier u beda jghidlu biex jieqaf, pero x-xufier baqa jsuq bil-mod 'l fuq fit-telgha u beda jirrifjuta l-ordnijiet taghna. Hin minnhom il-kollega tieghi Emanuel Mifsud gibed lill-passigier mill-karozza u zammu fit-triq, jien mort hadt post il-kollega tieghi bil-bieba miftuha u bdejt nghidlu, nirrepeti kemm-il darba lill-passigier biex jieqaf.*

*Magst: lill-passigier?*

*Jesmond Vella: lid-driver ghax il-passigier kien diga gibdu Emanuel Mifsud, id-driver baqa jsuq biha b'kollox fit-telgha u xhin bedajzid il-gass bha speci bdejt nibza li ser inwegga. Tlaqtu u saq jghaddel 'l fuq."*[24]

Sussegwentement l-imputat kien twaqqaf wara li x-xhud cempel lill-pulizija tar-Rapid Intervention Unit biex jintraccjawh u provdielhom in-numru tar-registrazzjoni u dettalji dwar l-ghamla tal-karozza.

Mistoqsi jekk kienx kapaci jiddentifika min kien ix-xufier tal-vettura, ix-xhud, seduta stante indika lill-imputat bhala l-persuna li qed jaghraf bhala x-xufier.[25]

Mill-assjem tal-provi prodotti, partikolarment ix-xhieda tal-ufficjali tad-Dwana li jikkorobaw il-fatti kif graw, jirrizulta li l-imputat huwa hati ta' din l-imputazzjoni fis-sens li din il-Qorti hija konvinta li huwa ghalhekk

[24] Folio 235 ta' l-atti processwali
[25] Folio 237 ta' l-atti processwali

fixkel lill-ufficjali tad-dwana fl-esekuzzjoni u l-qadi ta' dmirijiethom oltre li ma wettaqx dak li kien qed jigi mitlub li jaghmel minnhom.

Ghaldaqstant din il-Qorti ser tipprocedi biex issib htija in vista li din l-imputazzjoni giet ippruvata sal-grad rikjest mill-ligi.

**Ikkunsidrat**

**It-tielet imputazzjoni**

Illi mill-assjem tal-provi migjuba ma tressqet ebda prova dwar ir-recidivita' ta' l-imputat skond l-artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Ghalkemm mill-fedina penali[26] hemm indikazzjonijiet tar-recidiva, l-prosekuzzjoni ma esebit ebda sentenza definittiva f'dawn ir-rigward. Din il-Qorti tqis li kellha tkun din l-aqwa prova, liema prova kienet facilment ottenibbli u producibbli mill-prosekuzzjoni.

Ghaldaqstant il-Qorti, fuq nuqqas ta' provi sal-grad rikjest mill-ligi, sejra biex ma ssibx htija fir-rigward ta' din l-akkuza.

## Decide

Ghaldaqstant l-Qorti wara li rat l-artikoli 62 (a) (b) (c) (f) (g) (h) (i) (j) (k), paragrafu (a) tal-Proviso tal-Artiklu 62, 68 (1), 69 (1) (2) u 70 (2), tal-Ordinanza tad-Dwana Kapitolu 37 tal-Ligijiet ta' Malta, kif ukoll tal-Artikolu 17 (2) tal-Att dwar Dazju tas-Sisa Kapitolu 382 tal-Ligijiet ta' Malta, u l-artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta issib lil

[26] Folio 4-7 ta' l-atti processwali

Mario Falzon **mhux hati** ta' l-ewwel u tat-tielet imputazzjoni dedotti kontrih u tilliberrah minn kull htija u piena, izda issibu **hati** tat-tieni imputazzjoni u tikkundannah ghal-multa ta' hamest elef u Euro u tnax-il centezmu (€5,001.12).

Il-Qorti wara li rat l-artikolu 68(1) u 69(1)(2) tal-Kapitolu 37 tal-Ligijiet ta' Malta kif ukoll it-talba lill-Qorti sabiex tikkonfiska l-vettura u l-bastiment maqbuda skond in-Noti ta' Qbid Numru 23/2014 u 22/2014 rispettivament tichad it-talba stante li l-imputat gie liberat mill-ewwel imputazzjoni.

**Deciza illum nhar il-25 ta' Gunju 2020 fil-Qrati tal-Gustizzja Valletta, Malta**

**Dr. Nadine Lia**

**Magistrat**

**Lorriane Spiteri**

**Deputat Registratur**